

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 –Promed vs EUIPO – Centrumelektroniki (Promed)**(Kawża T-30/20)**

(2020/C 68/77)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti: Promed GmbH kosmetische Erzeugnisse (Farchant, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Reinisch u B. Sorg, avukati)**Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Centrumelektroniki sp.j. (Tarnowskie Góry, il-Polonja)***Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrenti**Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "Promed"**Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' revoka**Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Novembru 2019 fil-Każ R 614/2019-5***Talbiet***Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għal rimbors tal-ispejjeż tal-appell, tibdel id-deċiżjoni kkontestata sabiex l-ispejjeż tal-appell jiġu rrimborsati;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO tat-22 ta' Frar 2019 (Proċedimenti ta' Kanċellazzjoni 2017 Nru 15 428 C) sa fejn l-imsemmija deċiżjoni tiddikjara invalida t-trade mark Ewropea Nru No 6 206 718 għall-prodotti:

*Klassi 5: Strippi ta' test għal skopijiet mediċi;**Klassi 9: Tagħmir għall-qies tat-temperatura tal-ġisem u tal-funzjonijiet tiegħi;**Klassi 10: Tagħmir u apparat kirurġiku, mediku, dentali u veterinarju, b'mod partikolari apparat għat-terapija tal-uġġiġ, elettrodi għall-apparat ta' terapija elektrika, artikli ortopediċi, b'mod partikolari żraben ortopediċi u suletti taż-żraben; faxex għall-għaksa; faxex għall-ġisem; kalzetti ortopediċi; pinen tal-insulina; massaġġaturi għas-saqajn; apparat għall-massaġġi; apparat għar-radjoterapija, b'mod partikolari terapija tas-sħana u tad-dawl;**sa fejn ordnat lill-proprietarju tat-trade mark (ir-rikorrenti) tbat l-ispejjeż;*

- tiċħad it-talba għar-revoka tat-trade mark Ewropea Nru No 6 206 718 Promed kollha kemm hi;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż (inklużi dawk tar-rikorrenti, l-ispejjeż tal- EUIPO u, kif il-parti l-oħra tintervjeni, dawk tal-intervenjent).

Motivi invokati

- Ksur tat-tielet sentenza tal-Artikolu 95(1) flimkien mal-Artikolu 59(1)(a), u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 – Monster Energy vs EUIPO - Nanjing aisyou Clothing (Rappreżentazzjoni ta' girfa ta' annimal)**(Kawża T-35/20)**

(2020/C 68/78)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, California, L-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Nanjing aisyou Clothing Co. Ltd (Nanjing, iċ-Ċina)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta girfa ta' annimal – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 634 478

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Novembru 2019 fil-Każ R 1104/2019-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralji jogħġibha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-21 ta' Marzu 2019 fl-oppożizzjoni B 3050458;
- tiċħad it-trade mark ikkontestata fir-rigward tal-prodotti u servizzi kkontestati, li huma kollha prodotti u servizzi koperti mill-applikazzjoni;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenti.